MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 424/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Magri)**

**vs**

**Francis Difesa, ta' 54 sena, iben Francis u Pawla nee' Psaila mwieled fil-Hamrun fit-2 ta' Gunju 1957 u li joqghod "Mike Flats", No.9, Triq il-Hatab, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 391257(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Francis Difesa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, iffalsifika jew

biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew ta' prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet marki jew sinjali iffalisfikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema.

Fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkuppja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta'l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Fl-istess zmien u cirkostanzi bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal xi persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh, kera, offra jew espona ghal bejgh

jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata.

Fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebieti,

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-4 ta' Mejju 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'erbgha imputazzjonijiet principali u cioe' ir-reat dwar il-qerq fil-kummerc, dak dwar il-ksur tad-drittijiet ta'l-awtur kif ikkontemplat fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u r-rappresentazzjoni ta' *trademark* irregistrata b'mod qarrieqi kif previst fil-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-ahharnett ir-reat ta' ricettazzjoni.

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza irrizulta illi l-imputat kien jakkwista xi pupi tad-ditta Playmobil ighaqqad settijiet ta' madwar ghoxrin pupu differenti u ibieghhom. Dana jistqarru huwa stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti. Madanakollu huwa isostni illi dawn kienu xi pupi li kienu ghadhom fil-pussess tieghu wara li kien tressaq il-Qorti fuq kaz simili. L-imputat ghalhekk kien konxju tal-fatt illi dana il-bejgh ma kienx awtorizzat mill-kumpanija Playmobil u ghalhekk ma kienx qieghed isir skond l-*ispecifications* ta'l-istess kumpanija li tbiegh dawn il-pupi generalment f'pakketti bi tnejn fejn l-ippakkeggjar ikun f'kaxxa u mhux f'borza. Jidher illi l-imputat biegh dawn il-pupi f'xi hanut f'Bugibba, izda il-prosekuzzjoni ma tressaqx bhala xhud lil sid ta' dana il-

hanut li allegatament xtara dawn il-pupi. Illi l-prosekuzzjoni tallega ukoll illi l-imputat kien qieghed ibiegh dawn il-pupi fuq il-website eBay izda lanqas f'dana irrigward ma tressaq l-ebda prova. Ma hemmx prova fl-atti per ezempju minn liema sit tal-eBay kien qed isir il-bejgh u lanqas ma hemm prova proprju ta' dana il-bejgh minn fuq dana is-sit. L-unika prova li tirrizulta mill-atti huma ritratti li kienu jinsabu fuq il-hard drive tal-lap top li gie elevat minn ghand l-imputat liema ritratti jirreferu ghas-sena 2004 u cioe' ghaz-zmien meta l-imputat kien tressaq fuq il-kaz l-iehor illum deciz[1].

Illi fost l-provi migjuba f'dina l-kawza, l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil John Richards Principal fid-Direttorat dwar Industrial Property Registrations fejn huwa spjega illi bhala *trademark* "Playmobil" jezistu tlett *trademarks* lokali u zewg *community trademarks*. Mid-dokumenti esebieti minn dana ix-xhud jidher illi dawn it-*trademarks* huma irregistrati kollha fuq is-socjeta Geobra Brandstatter Gmbh & Co.KG tal-Germanja.[2]

Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-imputat ghamel xi rappresentazzjoni qarrieqa tat-*trademark* "playmobil" jew "playmobil funpark". Il-pupi fil-fatt kienu jinbieghu f'boroz tal-plastik u mhux f'xi kaxex fejn kien hemm riprodott it-*trademark* kif irregistrat. Ghalhekk l-imputat ma jista qatt jigi misjub hati illi b'xi mod ghamel rapresentazzjoni qarrieqa fuq prodott mibjugh minnhom ta' xi *trademark* irregistrata. Di piu' l-ebda prodott li allegatament kien qed ibiegh l-imputat ma gie esebit fl-atti u ghalkemm il-prosekuzzjoni tallega illi kienu qed jinbieghu xi pupi li ma kenux assembled skond l-*ispecifications* tal-kumpanija, izda l-Qorti dana ma setatx tivverifikah bl-ebda mod u kwindi l-Qorti ma tista' qatt tistabilixxi jekk kienx jezisti xi trademark alterat, jekk il-pupi li allegatament kienu qed jibieghu kenux qed jigu alterati b'xi mod, jew li kienu qed jigi iffalsifikat xi trademark jew xi pupu. Ghaldaqstant l-Qorti ma tistax hlief

[1] Ara rapport ta' Martin Bajada a fol.55 et.seq
[2] Ara xhieda ta' John Richards a fol.38 u Dokument JR a fols. 40 sa 48

tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ai termini tal-Kapitolu 416.

**<u>Ir-reat ikkontemplat taht l-artikolu 298B tal-Kapitolu 9</u>**.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi bil-bejgh ta' dan il-prodott tal-"Playmobil" huwa kien b'xi mod qed jikser id-drittijiet ta'l-awtur ta'l-istess, liema reat jinhtieg il-kwerela tal-parti offiza biex tinstab htija, mhux bhar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298 li hija prosegwibbli mill-pulizija *ex officio.* Illi l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-jeddijiet li johorgu mid-Drittijiet ta'l-Awtur u il-jeddijiet spettanti lil proprjetarju ta' *trademark* registrata skond il-ligi. Fil-fatt wahda hija tutelata taht l-Att Dwar id-Drittijiet ta'l-Awtur (Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta), filwaqt illi l-jeddijiet l-ohra huma tutelati taht l-Att Dwar it-Trademarks (Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta) – wahda titkellem fuq *copyright* u l-ohra titkellem fuq *trademarks*. L-artikolu 3 tal-Kapitolu 415 jelenka s-segwenti bhala ix-xogholijiet li huma eligibbli ghad-drittijiet ta'l-awtur:
"(a) xogholijiet artistici
(b) xogholijiet awdjovizivi
(c ) *database*
(d) xogholijiet letterarji
(e) xogholijiet muzikali.

Illi ghaldaqstant it-*trademark* imkien ma tirrizulta. Illi dawn il-pupi tad-ditta Playmobil ma jistghu qatt jinkwadraw ruhhom f'xi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta'l-awtur (copyright). Hawnhekk si tratta semplicement ta' *trademark* u mhux ta' *copyright* u ghalhekk certament ma tistax tinstab htija lanqas ghal dana r-reat.[3] Illi di'piu il-kwerela li hija rikjesta mill-ligi ghal prosekuzjoni ta' dina l-kawza hija f'isem is-socjeta Playmobil Malta Ltd[4], meta mid-dokumenti esebieti mix-xhud John Richards, jidher illi fil-fatt s-sid hija s-socjeta Germaniza Geobra Brandstatter Gmbh & Co. KG u fl-atti ma tirrizulta minn imkien kwerela min-naha ta' dina s-socjeta jew inkella xi prokura min-naha tas-socjeta Maltija li qed tagixxi ghan-nom tas-

[3] Ara sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Gaudenzio Borg deciza 26/08/1998.
[4] Ara kwerela Dokument CM1 a fol.14

socjeta estera. Ghaldaqstant l-imputat ma jistax hlief jigi illiberat minn dina l-akkuza ukoll.

**L-artikolu 298 tal-Kapitolu 9.**

Jibqghu ghalhekk biex jigu ikkunsidrati l-akkuzi li jikkontemplaw il-qerq fil-kummerc kif elenkati fl-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. Illi fil-fatt l-ewwel erba’ imputazzjonijiet jitkellmu dwar ir-reati ikkontemplati fis-subartikoli (a), (b), (c) u (f) ta’l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi.

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputat titkellem fuq il-falsifikazzjoni minghajr il-kunsens tas-sid, ta’ ismijiet, marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew ta’ prodott ta’ industrija, jew l-uzu ta’ dawn l-ismijiet marki jew sinjali iffalisfikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid. Illi irid jinghad illi ma tezisti l-ebda pova fl-atti illi l-imputat iffalsifika xi isem, marka, sinjal ta’ xi xoghol tal-mohh jew ta’ xi prodott iehor. Lanqas ma hemm prova illi huwa ghamel xi uzu xjenti minn dawn il-marki, sinjali jew ismijiet hekk iffalsifikati. Hawnhekk si tratta ta’ pupi originali mahruga mid-ditta Playmobil li l-imputat qieghed ibiegh mhux skond l-ispecifiactions tal-kumpanija u minghajr il-kunsens ta’l-istess. Ghaldaqstant dina d-disposizzjoni tal-ligi certament ma tinkwadrax ruhha that il-fattispecje ta’ dana il-kaz.

L-istess ma jistax jinghad madanakollu ghar-rigward tat-tieni akkuza. Illi l-imputat jinsab akkuzat li iffalsifika xi disinn jew mudell ta’ manifattura, jew inkella illi xjentement ghamlu uzu minn dawn l-oggetti iffalisifikati u dana minghajr il-kunsens tas-sid u dana kif  ikkontemplat fis-sub-inciz (b) ta’l-artikolu 298. Illi l-imputat stess kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti jammetti illi kien hemm mudelli illi huwa kien akkwista fuq l-idejn u li biegh meta kien jaf ben tajjeb li ma kienx awtorizzat jaghmel dana mill-kumpanija Playmobil. Fil-fatt isostni illi dawn il-pupi huwa kien xtrahom minn ghand persuna li kienet awtorizzata taghmel l-*assembly* tal-pupi min-naha tas-socjeta

Playmobil izda minflok irritornat il-fdaljijiet ta’ dawn il-pupi lill-kumpanija meta spiccat minn xogholha, zammithom. Dawn il-fdaljijiet akkwistahom imbaghad l-imputat, ghamilhom f’boroz u bieghhom. L-imputat isostni illi dawn il-pupi baqa’ jixtrihom anke wara li tressaq il-Qorti fuq kaz simili. Xtrahom minghajr ricevuta minn ghand persuna li lanqas jaf min hi u li meta imbaghad rega’ bieghhom huwa ma harigx lanqas ricevuta fiskali. Illi huwa minnu, kif jikkontendi l-abbli difensur ta’l-imputat illi ma giex esebiet pupu wiehed minn dawk allegatament foloz, izda dana jistqarru l-imputat stess meta jixhed. Huwa jiddiskrevi dak illi kien ghamel meta biegh dawn il-pupi, kif akkwisthom u kif rega’ bieghhom. Ma hemmx dubbju ghalhekk illi meta ghamel dana kollu l-imputat ma kienx awtorizzat jaghmel dana mis-socjeta Playmobil u kien ben konxju ta’ dan, kif allura kien ben konxju tal-fatt illi l-mudelli li kien qieghed ibiegh ma kenux dawk il-mudelli li jinbieghu mis-socjeta Playmobil u cioe’ skond l-*ispecifications* ta’l-istess socjeta. Il-Qorti ghalhekk ma tistax hlief issib l-imputat hati ta’ dawn l-akkuzi.

L-istess ma jistax jnghad madanakollu ghar-rigward tas-sub-inciz (c ) u (f). Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq falsifikazzjoni, izda fuq l-uzu ta’ xi marka, sinjal, tabella jew emblema li ikun fiha xi indikazzjoni li tista’ tqarraq lil-xerrej kif ukoll fuq il-bejgh jew importazzjoni ta’ merkanzija b’marka, sinjal, tabella jew emblema li ikun gew imxebbhin b’qerq. Mela hawnhekk il-ligi qieghda tikkontempla marka, sinjal, tabella jew emblema li ghalkemm tista’ ma tkunx identika ghal dik originali, izda tista’ b’xi mod ikun fiha xi indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej u tqieghdu taht l-impressjoni li huwa qieghed jixtri prodott iehor u mhux dak illi qed jigi offrut lilu. Il-ligi hawnhekk tenhtieg illi ikun hemm tabelli, marki li jistghu ikunu jixxibhu b’tali mod li jistghu iqarrqu bix-xerrej ghar-rigward tal-prodott li ikun qieghed jinxtara minnu. F’dawn il-kazijiet il-ligi ghandha l-ghan illi tipprotegi lix-xerrej u ghalhekk f’dawn ir-reati, il-kapacita’ li jqarraq hija ikkunsidrata bhala element essenzjali ghal kummissjoni ta’ dan id-delitt. Allura dak illi huwa rilevanti mhuwiex daqstant id-dettall tat-tikketta mehuda isolament, izda l-assjem taghha, u cioe’ il-mod kif tipprezenta ruhha

f'ghajnejn il-konsumatur normali b'mod li tista' iggib konfuzjoni f'ghajnejh, iktar u iktar meta wiehed qieghed jitkellem fuq l-istess xorta ta' oggett u l-istess isem. Fuq kollox ukoll il-mod kif il-bejjiegh jipprezenta l-oggett ghal bejgh jista' iwassal biex izid il-konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur tant illi huwa jispicca imqarraq fuq il-kwalita ta'l-oggett li ikun qieghed jigi akkwistat.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Gaudenzio Borg**, l-Qorti taghti definizzjoni tal-kelma "emblema" uzata mil-ligi fis-subartikoli hawn fuq indikati:

**"Bil-kelma embelma… wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni ta' xi uhud minnhom, mahsuba biex iwasslu messagg per ezempju dwar l-origini, il-provenjenza, jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni. L-emblema trid tkun imxebbha b'qerq jigifieri maghmula tixbah u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess jinghad naturalment ghal marka jew sinjal."**

Illi s-subinciz (c) jitkellem dwar l-uzu ta' marka, sinjal, tabella jew embelma li ikun fiha indikazzjoni li tista' tohloq konfuzjoni fil-konsumatur dwar ix-xorta tal-merkanzija jew il-bejgh ta' merkanzija b'dana it-tip ta' marka, sinjal jew emblema.

Is-sub-inciz (f) jitkellem izda dwar l-uzu ta' ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li ikunu gew imxebbhin b'qerq.

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza ma jirrizultax illi hawnhekk si tratta ta' xi marka jew emblema jew xi tikketta. Hanwhekk si tratta ta' mudelli li qeghdin jigu iffalsifikati u dana ai termini tas-sub-inciz (b) ta'l-artikolu 298. Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jigi misjub hati li iffalsifika xi tikketta jew li ghamel uzu minnha b'xi mod li seta iqarraq lil konsumatur dwar ix-xorta ta' merkanzija li kienet qed tinbiegh. Fuq kollox hemm distinzjoni netta bejn il-prodott oroginali li jinbiegh f'kaxxi li jindikaw it-trademark tal-kumpanija, u il-prodott li kien ibiegh l-imputat f'kwantita' kbira u f'boroz tal-plastik. Kwindi il-Qorti

ma tista' qatt issib htija taht is-subinciz (c) u (f) tal-artikolu 298.

Illi finalment ghar-rigward ta'l-akkuza ta' ricettazzjoni a tenur ta'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tistqarr minnufih illi ma tressqet l-ebda prova min-naha tal-prosekuzzjoni illi l-imputat kellu ix-xjenza illi l-provenjenza ta'l-oggetti li kien qieghed ibiegh kienet wahda kriminuza.

***"Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkustanzi partikulari tal-kaz, ikun imissu ragenevolment ikun jaf li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza."***
(Ara **Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchiore Spiteri** deciza mill-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 1998.)

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza mill-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 1992, intqal:
***"Min jakkwista oggett f'cirkustanzi li fihom imissu jissusspetta li dak l-oggett kellu provenzjenza llegittima, u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni."***

Illi l-imputat jixhed illi huwa xtara dawn il-pupi li kienu fdaljijiet ta' pupi ikkonsenjati mis-socjeta Playmobil lil persuna minn ghand min xtrahom. Ma kienx jixtrihom bil-mohbi u ighid illi ma kienx jaf illi dawn il-fdaljijiet kellhom jigu ritornati lill-kumpanija ghaliex il-persuna minn ghand min xtrahom kien gharrfu li l-kumpanija kienet qaltlu li l-fdaljijiet seta' izommhom. Kwindi dina ix-xjenza rikjesta mil-ligi ghal sejbien ta' htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi ma gietx ippruvata.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena lli ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzoni l-fatt illi l-imputat ma baqax ibiegh minn dawn il-prodotti u li, kif jistqarr l-ufficjal prosekutur stess, huwa ikkopera mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet. Finalment il-Qorti ma hijiex ser tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez konnessi man-nomina ta'l-espert Martin Bajjada f'dina l-kawza u dana

stante illi r-rapport tieghu ma jitfax dawl fuq l-htija ta'l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 298(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tilliberah mill-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenza skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------